MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 3064/1996/1

**The Margarine Import Co. Ltd.**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Ottubru 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi The Margarine Import Company Ltd. kienu importaw f'Malta kwantita ta' "Light Sunflower Spread";

U premess illi s-socjeta` attrici hallset lill-Kontrollur tad-Dwana is-somom rispettivament ta' disat elef disa' mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm9998) u erbat elef disa'

mija u tmienja u disghin lira (Lm4998), ammonti mitluba lilhom mid-Dipartiment tad-Dwana bhala *levy* pretiza mill-konvenut fuq l-importazzjoni ta’ l-istess oggetti;

U premess illi l-*levy* dovut jigi kkalkolat skond kif il-prodott jigi kklassifikat taht il-kapitoli tal-Customs Entry;

U premess illi l-*levy* mitlub mid-dipartiment gie bbazat fuq klassifikazzjoni tal-prodott taht il-Kapitolu Nru HS 1517. 10.90.00;

U premess illi l-prodott gie kklassifikat hazin in kwantu kellu jigi korrettement ikklassifikat bhala li jaqa’ taht il-kapitolu Nru. 1517 90.99.00;

U premess illi kieku gie kklassifikat kif suppost ma kien ikun dovut ebda *levy* u ghalhekk is-somma mhallsa mis-socjeta` attrici ma kinitx dovuta;

U premess illi l-atturi nterpellaw anke ufficjalment b’ittra ta’ Awissu 1996 lid-Dipartiment tad-Dwana diversi drabi sabiex dawn jirrifondu is-somom indebitament imhallsa;

U premess illi d-Dipartiment tad-Dwana ma rrifondiex din is-somma;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-prodott fuq imsemmi importat mis-socjeta` attrici u konsistenti f’zewg konsenji “Light Sunflower spread” gie kklassifikat hazin u dan billi kellu korrettement jigi klassifikat bhala li jaqa’ taht il-kapitolu Nru 1517.90.99.00 u mhux taht il-kapitolu Nru HS 1517. 10.90.00;

2. Tiddikjara li s-somma mhallsa mis-socjeta` attrici ma kinitx dovuta minnhom bhala *levy*;

3. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenut jirrifondi s-somma ta’ erbatax-il elf, tmien mija u sitta u tmenin lira

Maltija (Lm14,886), indebitament imhallsa kif gie gja spjegat, bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dik ta' l-ittra ufficjali ta' Awissu 1996;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament, ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici hija rrita u nulla stante li huwa sommament inkoncepibbli li persuna guridika tippresta ruhha biex taghti l-gurament taghha. Il-ligi fl-Artikolu 181A (2) tal-Kapitolu 12, espressament tipprovdi kif skrittura ghandha tinhalef u tali nullita` ma tistax tigi sanata;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kienet is-socjeta` stess li ddikjarat il-prodott taht il-klassifika H51517109000. Kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal- kawza, il-korrettezza tal-klassifikazzjoni maghmula mis-socjeta` giet konfermata fil-mument tar-rilaxx minn ufficcjali tal-konvenut u dawn ma rrilevaw l-ebda zball fil-klassifika moghtija;

3. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti;

4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

L-espozittiva tal-fatti li minnhom originat din il-kawza tikkonsisti f' dan:-

I. Is-socjeta` attrici mportat f' Malta, f' zewg okkazjonijiet distinti, partiti tal-prodott "Flora Light Sunflower Spread". Dan bis-sahha ta' licenzja ta' Importazzjoni datata 29 ta' Marzu 1995 u lilha rilaxxjata mid-Dipartiment tal-Kummerc (fol. 77). Id-deskrizzjoni ta' l-oggett fuq din il-licenzja hu dettaljat bhala "Magarine Spread in Tubs";

II. L-*invoices* esebiti minn fol. 47 sa fol. 51 u hekk rapprezentanti z-zewg konsenji jiddeskrivu l-prodott importat bhala "Flora Sunflower Spread";

III. Meta l-konsenji waslu Malta s-socjeta` attrici mliet is-solitu dokument doganali intestat "Import Declaration" (fol. 46 u fol. 53) fejn fih iddikjarat il-kwalita` tal-merce importata u attribwitilha l-*commodity code* korrispondenti ghaliha, ossija l-klassifika Numru 1517.109000;

IV. Fuq il-bazi ta' din id-dikjarazzjoni giet imposta l-*levy*, li thallset, u in segwitu s-socjeta` attrici giet provvduta bir-"Release Order" (fol. 52 u fol. 76) biex tkun tista' tizdogana l-merce;

Is-socjeta` attrici, kif rapprezentata mid-direttur taghha, ix-xhud Paul Camilleri, tikkontendi illi filwaqt li hu ammess li t-taxxa mposta u mhallsa saret fuq il-bazi tad-dikjarazzjoni maghmula minnha eppure din l-istess dikjarazzjoni kellha titqies zball genwin stante li x-xorta ta' prodott hekk minnha importat ma kienx dazjabbli;

Biex tissuffraga din il-posizzjoni taghha s-socjeta` attrici ssostni illi:-

(a) dik "kienet l-ewwel partita li ngiebet minn barra" (fol. 92), li giet importata b' "girja kbira" ghax kienet mghaggla biex timla l-vojt fis-suq lokali (fol. 95);

(b) ma kinitx saret ricerka preventiva dwar il-klassifika tat-tip ta' margerina importata. Dan l-istharrig ghamlitu aktar tard meta gabet interpretazzjoni minghand il-European Union (fol. 93);

(c) l-izball fid-dikjarazzjoni gie skopert ghaliex il-prezz tal-prodott in vista tal-*levy* fuqu ma kienx kompetittiv meta mqabbel ma' prezz ghall-prodott konsimili ta' ditti ohrajn. Biex tovvja ghal din id-disparita` kellha tigi assikurata l-ghajnuna tad-ditta esportatrici, li kkonceditilha *credit*. Kien bis-sahha ta' dan il-*credit* li l-prodott spaccjat fis-suq seta' jkun kompetittiv (fol. 94);

(d) il-klassifika kienet tiddependi mill-*fat content* tal-margerina. Biex tissostanzja dan gew esebiti "entry forms" u dokumenti relatati (fol. 64 sa fol 69) relattivi ghall-importazzjonijiet sussegwenti. Senjatament, gie osservat illi l-Flora Sunflower Spread kellu percentwali ta' *fat content* anqas minn sebghin fil-mija (70%) u ghalhekk kellu jkun klassifikat taht HS 1517.909900 u mhux kif erronjament indikat minnha fir-rigward taz-zewg konsenji in diskussjoni;

Konsegwenti ghat-trovata ta' l-izball is-socjeta` attrici kitbet lill-konvenut biex jirrifondilha lura l-ammont tal-*levy* li gie hekk minnha mhallas fuq dikjarazzjoni zbaljata. Subordinatament taht dan l-aspett hi nformatu wkoll illi kien ghad ghandha kampjuni mill-istess konsenja importata ghal finijiet ta' analisi u accertamenti li l-konvenut kien jidhirlu opportun li jaghmel. Ara ittra datata 15 ta' Frar 1996 a fol. 9 tal- process;

Ir-rejazzjoni tal-konvenut ghat-talba li tressqiltlu qed tigi hekk rikapitulata:-

(i) Kienet is-socjeta` attrici li ghamlet id-dikjarazzjoni fuq l-appozita formula u t-tariffi gew applikati a tenur ta’ din l-istess dikjarazzjoni;

(ii) Ma sar l-ebda zball ghax id-dokumenti juru li dak li gie importat skond l-istess licenzja kien “Margarine Spread in Tubs” (fol. 74);

(iii) It-talba ghar-rifuzjoni saret hames xhur fuq li kienu importati l-konsenji u ghalhekk ma kienx possibbli li wiehed jivverifika xjentifikament il-prodott taz-zewg konsenji, gjaladarba hu ma kienx zamm kampjun waqt ir-rilaxx (fol. 75);

(iv) F’ kull kaz is-socjeta` attrici ghaddiet certament fuq il-konsumatur l-hlas tal-*levy* biex b’ hekk thares il-profitt taghha;

Huwa pacifiku bejn il-kontendenti illi l-*levy* imhallas gie stabbilit sew ghal dik li hi kwalifikazzjoni tal-merce sew ghall-applikazzjoni ta’ l-iskeda tariffarja ta’ l-istess *levy* fuq dikjarazzjoni formulata mill-istess socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici argomentat illi d-dikjarazzjoni taghha kienet erronea in kwantu l-merce *de qua* kellha tkun ezenti mill-impost tal-*levy*. Huwa ghal din ir-raguni li bil-prezenti azzjoni qed tippretendi r-ripetizzjoni tal-hlas tal-*levy* li sar minnha fir-rigward taz-zewg konsenji partikulari;

Huwa innegabbli bhala materja ta’ dritt illi “kull hlas jissopponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista’ jintalab lura” [Artikolu 1147 (1), Kodici Civili]. Izda biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista’ jintalab lura jehtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball (“**Romeo Fleri –vs- John B. Mifsud *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 24 ta’ Novembru 1948 a Vol. XXXIII P II p 332). “Il-pagament hu maghmul bi zball meta jsir fl-opinjoni zbaljata li tkun qeghda tigi ezegwita obbligazzjoni, minghajr distinzjoni bejn zball ta’ fatt u zball ta’ dritt, sakemm l-izball ta’ dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali” –

“**Maria Grech –vs- Filippo Abela**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 11 ta’ April 1961;

Issa mill-qari ta’ l-Artikolu 1022 (1) “hu evidenti li l-fondament ta’ l-azzjoni ta’ l-*indebiti solutio* huwa f’min ikun hallas; liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun irceva l-hlas skond il-massima ta’ gustizzja naturali “*jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem” (De Regulis Juris, L. 206)* – “**Alfred Tonna *et* –vs- Carmela Bugeja *et***”, Appell Civili, 8 ta’ Frar 1957;

Naturalment, din l-ahhar citata sentenza ssoktat tippuntwalizza illi “jekk ma ssirx il-prova ta’ dak l-izball fis-*solvens*, u b’mod specjali jekk issir il-prova li dak is-*solvens* kien jaf bic-cirkostanzi li minhabba fihom hu ma kienx tenut ghal hlas, allura ma ghandux id-dritt ghar-ripetizzjoni ta’ dak li hallas ghaliex ‘*indebitum solutum sciens non recte repetit*’. F’ dan il-kaz min ikun hallas ma jkollux raguni jilmenta, u ‘*imputet sibi*’ jekk kellu xi dannu”;

Riportat dan it-taghlim ghal kaz taghna din il-Qorti ssib li l-ispjegazzjoni supplita mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici hi, kollox ma kollox, possibbli, specjalment mehud rigward ghal fatt illi din kienet l-ewwel importazzjoni tas-socjeta` attrici tax-xorta ta’ prodott migjub minnha. Dan konsiderat ukoll, fic-cirkostanzi maghrufa u zvarjati tal-hajja fil-kamp tal-kummerc, tal-ghaggla, x’aktarx frenetika, biex tilhaq tfittex tispaccja l-prodott fis-suq. Il-Qorti ghalhekk taccetta bhala plawsibbli l-fatt ta’ l-izball taghha fid-dikjarazzjoni u fuq kollox li f’ dak il-mument is-socjeta` attrici ma kinitx konsapevoli tal-fatt li l-merce partikulari kienet ezenti mill-hlas tal-*levy*. F’ dan il-kuntest il-Qorti ma ghandhiex ghax ma temminx ix-xhieda ta’ Paul Camilleri illi l-informazzjoni ossija interpretazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tat-tip ta’ prodott giet ottenuta in segwitu ghad-dikjarazzjoni zbaljata maghmula u l-hlas tal-*levy* li kien lahaq sar. Dan, aktar u aktar, meta hu sahansitra rikonoxxut mill-istess konvenut l-ezistenza ta’ veduti, opinjonijiet u kriterji diversi fuq is-suggett;

Jirrizulta bhala fatt illi s-socjeta` attrici kienet debitament informat lill-konvenut illi hi kien ghad kellha kampjuni tal-prodott li fuqu l-konvenut seta' jikkonduci t-testijiet analitici opportuni. Dan bl-iskop li jigi anke minnu dan determinat illi t-tip ta' prodott hawn trattat kien jaqa' taht il-klassi l-wahda, dik ritenuta mis-socjeta` attrici li kellha tkun applikabbli, u mhux taht il-klassi, minnha zbaljatament indikata;

Ghal din il-proposta l-konvenut mhux biss baqa' passiv izda qed jippretendi wkoll bhala linja difensjonali illi l-prodott li dwaru s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas lura tal-*levy* ma huwiex disponibbli ghall-analizi. Fl-ambitu tal-fatti maghrufa, kif fuq esposti, il-Qorti ssib li din hi difiza pjuttost dghajfa u nieqsa minn gustifikazzjoni. Dan mhux biss in raguni ghall-fatt illi l-kampjuni kienu disponibbli izda, ukoll, ghax, kuntrarjament ta' dak ritenut mill-konvenut f' paragrafu 4 ta' l-Affidavit tieghu (fol. 74) l-*invoices* jispecifikaw bhala "Flora Extra Light Sunflower Spread";

Din l-informazzjoni kienet ben cara. Del resto lanqas ma kellu awtomatikament jigi mfisser jew arguwit illi l-fatt li hemm il-licenzja ta' importazzjoni kif ukoll l-Import Declarations isemmu "Flora Margarine in Tubs" dan *per se* kellu jeskludi l-fatt li si trattava tal-prodott specifikat fl-*invoices*, liema prodott, kif ulterjorment stabbilit f' importazzjonijiet ohra, kien jikkwalifika ghall-ezenzjoni mill-hlas tal-*levy*;

Fil-verita`, biex jinghad kollox, il-Qorti ma ssibx raguni valida biex tahseb, bhall-konvenut, illi l-qaghda tas-socjeta` attrici hi fondata fuq spekulazjoni jew abbuz mill-hekk definit "ugwaljanza ta' l-armi". Dan kemm in bazi ghall-konsiderazzjonijiet gja esposti kif ukoll ghall-fatt illi ghandha l-konfort ta' l-esperjenza komuni li tirrikonoxxi li dan it-tip ta' margerina ghandu ferm anqas elementi grassi minn ohrajn. Del resto, kif gja inghad, dan gie hekk kontrollat mill-analista tad-dipartiment tal-konvenut li

esprima l-fehma illi s-*sample* minnu ezaminat kien jaqa' taht il-klassi ta' prodotti li ma humiex dazjabbli;

Fir-rigward ta' din l-istess analisi l-konvenut jargomenta illi l-analista "mkien ma ddikjara li r-rizultat ta' l-analizi tieghu kien tali li ebda persuna ragjonevoli ma seta' ma jaqbilx mieghu". Fl-istess hin isostni illi l-istess analista "ma dahal xejn fil-kwestjoni dwar jekk it-tariffa kinitx thalli lok ghall-interpretazzjonijiet ohra – differenti pero` ukoll logici. Jissokta jafferma illi l-analista mkien ma dahal fid-definizzjoni ta' x'inhu klassifikabbli bhala *fat content* li hija ukoll kwestjoni li fuqha jista' jkun hemm divergenzi. Dejjem skond il-konvenut, fuq l-awtorita` ta' decizjoni Ingliza, il-materja kellha tigi interpretata bl-adozzjoni ta' dak maghruf bhala "purposive approach" li tfittex li taghti effett "*to the true purpose of legislation*";

Issa fuq din il-kwestjoni tal-kuncett interprettativ tal-materja, minn dak kaptat f' xi sentenzi, jidher li kien hemm zmien fejn l-interpretazzjoni tal-ligijiet fiskali kienet x' aktarx illi fid-dubju l-ligi ghandha tigi interpretata favur il-kontribwent. ("**Brigadiere Generale Harry Simonds de Brett *nomine* –vs- James Turner *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Marzu 1933);

Din l-istess sentenza giet revokata fl-Appell (16 ta' Frar 1934 a **Vol. XXVIII P I p 523**) billi gie rilevat illi din l-interpretazzjoni la ghandha tkun favur jew kontra l-kontribwent , u lanqas favur jew kontra l-erarju, imma l-ligijiet tributarji ghandhom jigu interpretati skond ir-regoli soliti u normali ta' l-ermenewtika grammatikali u logika. ("**Farrugia –vs- Agius**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' April 1949; "**Albert Mizzi *nomine* vs- Anthony Camilleri *nomine***", Appell, Sede Inferjuri, 3 ta' Gunju 1961). Incidentalment, din l-ahhar imsemmija sentenza kienet ukoll titratta minn margerina li kienet "duty free". Fiha wkoll intalbet ir-rifusjoni tad-dazju mhallas meta ma kienx impost mil-ligi;

Ma jistax ikun dubitat illi “avvolja l-kelma tal-legislatur tkun cara huwa lecitu li ligi ezaminata r-*ratio legis* biex tittiehed interpretazzjoni aktar preciza” (**Vol. XXXIII P I p 103**), u certament ukoll dik l-aktar attinenti ghall-volonta` tal-legislatur. Hemm qbil ghalhekk mal-hsieb li ghandha tigi mfittxija t-tifsira “*which seeks to give effect to the true purpose of legislation*”. B’ dan in mira u lejn dan l-iskop li giet stradata l-indagini f’ din il-kawza u l-partijiet ghamlu l-provi taghhom fil-kors tat-trattazzjoni taghha;

Fil-kaz hawn prospettat jidher ben ovvju illi l-legislatur ried jiddistingwi bejn tip ta’ margerina li ghandu certu percentwali ta’ xaham u tip iehor ta’ l-istess generu ta’ prodott li ma kellux dik il-percentwali. Kienet proprju din id-distinzjoni u l-kollokazzjoni differenti taz-zewg tipi tal-prodott li ggwidat lill-partijiet biex b’ responsabilita` jfittxu mit-test ta’ l-iskeda l-interpretazzjoni l-aktar idonea;

Il-kuntrast bejniethom jikkonsisti filli filwaqt li s-socjeta` attrici trid li l-prodott taghha jirrientra taht il-vuci li tikklassifikah bhala ezenti mid-dazju, invece, il-konvenut isostni li ghandu jidhol fil-kategorija tal-prodotti suggetti ghal *levy* ta’ 25 centezmi il-kilo;

Fil-fehma tal-Qorti l-vera kwestjoni ma tidherx li hi dik semplicistika “fejn ikun hemm differenzi bejn il-partijiet dwar liema paragrafu tat-tariffa ghandu japplika”. Is-soluzzjoni tal-kaz titlob li jigi determinat jekk il-prodott kellux, jew le, il-percentwali tax-xaham jew *fat content* skond il-klassifika tieghu;

Certament din il-Qorti taqbel mal-veduta espressa mill-konvenut illi kien obbligu tas-socjeta` attrici li tassikura li l-prodott jigi klassifikat taht il-kategorija applikabbli. Dan, del resto, lanqas ma hu negat mir-rapprezentant ta’ l-istess socjeta` attrici;

Eppure filwaqt li tikkonkorda f’ dan mal-konvenut, din il-Qorti ma tifhimx kif dan il-fatt *per se* ghandu jkun raguni bastanti biex jeghleb ir-realta` li l-prodott ma kienx

jikkorrispondi ghall-kategorija maghzula zbaljatament. Dan certament, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma jikkrejax *ut sic* l-interpretazzjoni u l-fatt wahdu tad-dikjarazzjoni, *multo magis*, imbaghad, wahda zbaljata, la jaghmel il-materja ezaminata korrispondenti ghas-sens interpretattiv korrett u lanqas aspiranti ghall-oghla sens ta’ gustizzja;

Kif taraha din il-Qorti, ankorke s-socjeta` attrici ghamlet zball inizzjali fid-dikjarazzjoni minnha redatta, il-bon sens, ir-raguni u l-gustizzja sostanzjali kellhom imbaghad jissarrfu billi l-konvenut jaghti l-opportunita` li tigi ricerkata l-verita` fl-allegazzjoni sostenuta mis-socjeta` attrici billi tikkontrolla l-*fat content* tal-prodott. Opportunita` din li saritilha bl-invit kontenut proprju fl-ewwel missiva tal-20 ta’ Ottubru 1995 (fol. 6), ripetut fl-ittra sussegwenti tal-15 ta’ Frar 1996 (fol. 9), fejn giet imgharrfa illi “*product samples can be made available for your analysis*.” Dan certament, kieku akkolt, kien jikkjarifika l-qaghda u jevita l-oggezzjoni principali ghat-talba tar-rifuzjoni;

Il-Qorti, imbaghad, taghmel ukoll din l-osservazzjoni agguntiva. Jekk il-konvenut kellu xi dubju li l-analista tieghu ma approfondiex sufficjentement l-analisi tieghu, jew li dan seta’ qaghad fuq dak dikjarat fuq il-*label* tal-prodott, kien messu pproducieh bhala xhud u mhux jistrieh fuq argomentazzjoni filosofika-guridika li fir-realta` ta’ l-atti ma ssib l-ebda riskontru. Il-prudenza u l-ghaqal kienu certament fic-cirkostanzi jesigu li dan isir u l-analista jigi prodott biex jixhed dwar l-analisi kondotta minnu. Dan ma sarx u allura l-Qorti jkollha toqghod fuq l-attijiet u l-provi tal-kawza u r-ragonament indott minn dawn l-istess atti u provi;

Issa l-konvenut issolleva wkoll il-kwestjoni tal-gustizzja fir-rigward tal-konsumatur li kellu jhallas bil-gholi ghall-prodott *de qua*. Skond il-Qorti dan il-punt gie pero` spjegat b’ mod plawsibbli mix-xhud Paul Camilleri. Kontro-ezaminat, huwa jippreciza kif is-socjeta` tieghu ma kinitx in grad li tikkompeti fis-suq ma’ prodotti konsimili ta’

margerina li kienu qed jigu spaccati bi prezz orhos. Dan presumibilment ghar-raguni li fuq il-prodott taghhom ma kien impost ebda *levy*. Kien ghalhekk li ntalbet l-assistenza ta’ l-ispedizzjonjier tal-prodott li accetta li jakkordalha *credit* b’ mod li, imbaghad, il-prodott seta’ jkun kompetittiv fis-suq;

Kollox ma’ kollox, minn dak rikapitulat aktar ‘il fuq, il-Qorti jidhrilha illi l-kwestjoni li giet imsejha biex tidderimi giet sew inkwadrata u fil-hsieb konsiderat taghha l-prodott *de quo*, anke fuq il-bazi tar-rizultat ta’ l-analisi ghalkemm f’ importazzjonijiet sussegwenti, ma kellux ikun assoggettat ghall-hlas tal-*levy*. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma tarax kif l-argomenti tal-konvenut jistghu b’ xi gustifikazzjoni jew kritika jservu biex jirrendu l-ingredjenti tal-prodott dazjabbli. Ebda referenza f’ dan is-sens ma tista’ legittimament tingibed mill-fatt biss tad-dikjarazzjoni *per se*. Konsegwentement, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha accennati, u esposti hi l-opinjoni tal-Qorti li l-konvenut qed izomm indebitament l-ammont reklamat;

*In finis*, kwantu ghall-ewwel eccezzjoni ta’ l-irritwalita` u nullita` tac-citazzjoni din hi ghal kollox insostenibbli. Dan mhux biss ghax skond l-insenjament tal-**Laurent**, (“Principii di Diritto Civili”, Vol. I para. 43) in-nullita` “*e` un mezzo estremo cui il legislatore non ricorra che in caso di necessita`*”, izda anke ghaliex, f’dan il-kaz, allavolja ma huwiex indikat *expressis* fid-Dikjarazzjoni din jirrizulta li giet mahlufa minn Paul Camilleri taht il-firma tar-Registratur, kif hekk apparentement jirrizulta minn dak stampat fuq ir-*retro* ta’ l-istess Dikjarazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tiddikjara li s-somma mhallsa bhala *levy* mis-socjeta` attrici ma kinitx hekk dovuta in kwantu l-prodott in kwestjoni kien ezenti minn imposizzjoni bhal din;

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lura lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbatax-il elf tmien mija u sitta u tmenin lira Maltija (Lm14,886) indebitament imhallsa, bl-interessi kif mitluba.

In bazi ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huwa ekwipollenti illi l-ispejjez tal-kawza jiqbghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------